MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 360/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Godwin Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Godwin Spiteri talli:

(1) nhar-il 5 ta’ Mejju 2008 u fil-jiem ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew/u akkwistati b’reat, u cioe` crane winch, sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod iehor indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

(2) sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati

tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Lulju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Godwin Spiteri hati ta' l-ewwel imputazzjoni izda mhux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu u, wara li rat l-artikoli 334, 261, 267, u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannatu ghall-piena karcerarja ta' sitt (6) xhur;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Godwin Spiteri pprezentat fit-2 ta' Awissu 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma nstabx hati tat-tieni imputazzjoni, izda tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fejn instab hati ta' l-ewwel imputazzjoni, u konsegwentament tilliberah minn din l-imputazzjoni u l-konsegwenti htija u piena; alternattivament u biss f'kaz li din il-Qorti tichad l-aggravji ta' l- appellant dwar is-sejbien ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tas-sejbien tal-htija, l-appellant talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta ghal wahda aktar miti u idoneja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-bejgh tal-*winch* imsemmi sehh fis-27 ta' April 2008 mentri d-data ta' l-akkuza tirreferi ghall-5 ta' Mejju 2010 u l-jiem ta' qabel; (2) li l-persuna li allegatament bieghet il-*winch* lill-appellant ma gietx prodotta bhala xhud u lanqas il-persuna li kienet riekba mieghu u ma giex ippruvat li l-appellant kien jaf il-provenjenza kriminuza tal-*winch*; (3) li, subordinatament u minghajr pregudizzju, il-piena hi wahda eccessiva.

Permezz ta’ l-ewwel aggravju l-appellant jghid illi mill-provi jirrizulta li l-bejgh tal-*winch* favur tieghu sehh fis-27 ta’ April 2008. Id-data ta’ l-imputazzjoni pero` hi l-5 ta’ Mejju 2008, u cioe` d-data li fiha rrilaxxja stqarrija. Jghid illi huwa minnu li wara d-data hemm “u fil-jiem ta’ qabel”, izda, isostni l-appellant, dan ma jissodisfax il-vot tal-ligi, cioe` li sabiex tista’ tinstab htija trid issir il-prova li r-reat sehh fil-jum indikat fic-citazzjoni. U hawn il-prosekuzzjoni kienet taf precizament liema kienet id-data li fiha sehh il-bejgh.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti dan l-aggravju huwa fieragh. L-artikolu 360(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li c-citazzjoni trid issemmi, *inter alia*, il-partikularitajiet ta’ zmien li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Huwa veru illi jekk il-Pulizija kienu jafu precizament id-data li fiha l-appellant akkwista l-*winch*, allura setghu ndikaw id-data preciza fic-citazzjoni. Izda l-fatt li l-prosekuzzjoni semmiet il-5 ta’ Mejju 2008 u l-jiem ta’ qabel ma jfissirx illi ma giex sodisfatt il-vot tal-ligi, peress illi jekk il-bejgh sar fis-27 ta’ April 2008, din id-data hi definittivament kompriza fil-frazi “fil-jiem ta’ qabel”. Ghalhekk l-ewwel aggravju huwa michud.

It-tieni aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Jinghad mill-ewwel illi, x’seta’ qalu Charlot Cutajar u Horace Cassar lill-Pulizija ma hu ta’ ebda utilita` ghall-fini ta’ prova peress illi dawn ma gewx prodotti bhala xhieda, u ghalhekk x’setghu qalu jikkostitwixxi biss *hearsay*.

Issa, l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li huwa hati ta’ reat kull min f’Malta, **“xjentement jilqa’ ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom”**. Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista’ tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal-

kaz, kien messu ragonevolment jaf li l-oggett li ser jakkwista gej minn provenjenza kriminuza.[1]

M'hemm l-ebda dubju li l-*winch* in kwistjoni kien gej mis-serq. Difatti jirrizulta li kien insteraq fis-27 ta' April 2008 minn sit fi Triq il-Fieres, Hal-Kirkop, ghad-dannu ta' Vassallo Builders. L-appellant isostni illi l-allegazzjoni li l-appellant kien jaf li l-*winch* kien misruq tibqa' biss allegazzjoni mhux ippruvata, u li fi kwalunkwe kaz hu jichadha kategorikament u cahadha *a tempo vergine* fl-istqarrija li rrilaxxja lill-Pulizija. Ghalhekk, jghid l-appellant, dak li trid tiddetermina din il-Qorti hu jekk mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-appellant messux ragjonevolment kien jaf, jew gieh is-suspett, li l-*winch* akkwistat minnu kien gej minn provenjenza dubjuza. U jkompli l-appellant:

"Illi l-Ewwel Qorti kkonkludiet f'dan ir-rigward illi *'winch mixtri fis-sew, certament ma johrogx minn bagoll u jithalla f'nofs tat-triq.'* Din kienet 'ix-xjenza' li wasslet l-Ewwel Qorti ghall-konkluzjoni ta' htija fl-appellant. Din, u l-prezz li bih inxtara l-*winch*.

"Illi invece u bl-akbar rispett lejn l-Ewwel Qorti, ma kien hemm assolutament l-ebda cirkostanzi suspettuzi fin-negozju li setghu wasslu ghax-xjenza dwar il-provenjenza illecita da parti ta' l-appellant. Ibda biex li dan il-*winch* inxtara fi triq li tinsab proprju biswit l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal-Qormi, fl-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00 p.m.). Kieku Spiteri kien jaf li kien qed jixtri oggett misruq, kien ser jixtrih f'nofs ta' triq hdejn l-Ghassa tal-Pulizija? Ukoll lanqas hu korrett li jinghad li dan il-*winch* thalla f'nofs ta' triq, ghax mill-istess stqarrija jirrizulta li dan il-*winch* ittiehed f'post li fih kien qed jahdem l-appellant, li jinsab fl-istess triq li fiha sar il-bejgh tal-*winch*.

"Hemm ukoll il-fatt li meta wiehed ihares lejn l-istqarrija tal-appellant, dan ikkonferma b'mod vociferu li ma kienx jaf li l-*winch* kien misruq, wiegeb ghal kull domanda li saritlu u kkoopera b'mod shih. Tant li l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha biss dwar dak li jirrizulta mill-

[1] Ara Appell Kriminali, **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et**, 16 ta' Dicembru 1998.

istess stqarrija. Il-mod kif wiegeb l-appellant hu wiehed li ma hux konfacenti ma’ agir ta’ min seta’ kellu x’jahbi.

“Ukoll, x’kien hemm sinistru fil-fatt li *winch* uzat jinbiegh minn go bagoll ta’ vettura fit-triq? Hija xi haga li ghandha tqanqallek suspett jekk persuna li taf tghidlek li ghandha oggett uzat ghall-bejgh li kien jinsab gol-vettura taghha? Certament li ma hux mistenni li ghax persuna tbieghlek oggett li jkun jinsab gol-vettura taghha, dan ghandu jqanqallek suspett, ghax kieku wiehed jigi fl-assurdita` li jrid jissuspetta minn kollox u jixtri biss il-gdid u minghand hanut.

“Hemm ukoll il-kwistjoni tal-prezz li bih gie mixtri l-*winch*. Dan hu punt li l-Qorti jidher li taghtu piz konsiderevoli meta waslet ghad-decizjoni taghha. Issa d-domanda hi x’hemm suspettuz li *winch* li jiswa madwar Lm200 (skond l-appellant) fi stat gdid jinxtara ghal Lm70 fi stat uzat? Mhuwiex ovvju li meta wiehed qed jitkellem dwar ghodda li tintuza f’xoghol strapazzuz, li din ghandha *depreciation rate* qawwija? U li l-oggett uzat (li f’dan il-kaz irrizulta li lanqas kien funzjonanti) jiswa ferm anqas minn dak gdid?

“Illi mbaghad, b’mod aktar generali, illum wiehed irid jezamina din ic-cirkostanza tal-prezz fl-isfond tar-reat ta’ ricettazzjoni mhux biss kif wiehed kien ihares lejh tradizzjonalment, izda wiehed irid ihares lejn dan l-aspett tal-prezz fic-cirkostanzi u r-realtajiet socjali tallum. Fejn qabel wiehed seta’ juza dan il-kriterju tal-prezz biex jasal ghall-konklluzjoni dwar jekk individwu kellux ix-xjenza tal-provenjenza tal-oggett, in vista ta’ diskrepanzi notevoli bejn il-prezz ta’ dak l-oggett mixtri ‘bis-sew’ u oggett mixtri klandestinament, illum dan il-kriterju bl-akbar rispett lanqas jista’ jintuza.

“Illum ghandek realta` illi tista’ tixtri, direttament minn siti fuq l-*internet*, multiplicita` ta’ oggetti, fosthom ghodda, bi frazzjoni tal-prezz li thallas minn hanut lokali. U dan meta wiehed jitkellem dwar *like with like*, jigifieri fuq prodott identiku. Huwa fatt, ghal kull min jixtri *online*, illi filwaqt li ghall-grazzja tal-argument prodott jinxtara lokalment bil-prezz ta’ €100, dan l-istess oggett tista’ ssibu mwassal

wara biebek b'nofs il-prezz meta tixtrih *online*. Din hi r-realta` tallum, realta` li qed turi li kienu bosta dawk il-kummercjanti lokali li kienu qed ikollhom profitti ezorbitanti. U l-argument li jinsilet minn dan kollu hu li l-Qorti ma tistax tigbed inferenza mill-fatt li ghax persuna tixtri oggett bi prezz orhos milli dan l-oggett jinbiegh ghand il-hanut lokali, allura dik il-persuna jmissu jigiha suspett li dan l-oggett ikun misruq.

"Hemm ukoll il-punt dwar jekk l-appellant messux staqsa specifikatament dwar jekk l-oggett kienx misruq jew le, u jekk in-nuqqas tieghu li jsaqsi jrendihx hati tar-reat in dizamina.

"Ma hemmx dubju li mhuwiex mistenni li meta persuna tixtri oggett, hi ghandha toqghod issaqsi kull darba jekk huwiex misruq jew le. Invece, jekk hemm cirkostanzi li jistghu jitfghu dubju dwar il-provenjenza tal-oggett, ikun tabilhaqq nuqqas li wiehed ma jsaqsi xejn u jibqa' ghaddej qisu ma gara xejn. Il-kwistjoni kollha ghalhekk hi, u l-mistoqsija li trid tigi mwiegba, f'dan il-kaz kienu jezistu dawk ic-cirkostanzi li kellhom iwasslu ghal suspett f'mohh l-appellant li dak li kien ser jigi mixtri minnu kellu provenjenza illecita? Minn dan li gie spjegat aktar 'il fuq, dan zgur li ma jirrizultax fil-grad li trid il-ligi u hemm dubji serji fit-tezi prospettata mill-prosekuzzjoni.

"Illi ghalhekk huwa car li l-Ewwel Qorti bir-rispett ma setghet qatt tasal li ssib htija fl-appellant."

Din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li filwaqt illi huwa minnu li x-xiri ta' oggetti *online* jista' jippermetti xiri bi prezzijiet vantagguzi, fil-kuntest ta' dan il-kaz l-argument li pprova jaghmel l-appellant huwa wiehed fieragh. M'hemm l-ebda suggeriment, lanqas remot, mill-provi, li l-appellant kien jakkwista oggetti minn fuq l-*internet* jew li kien konxju ta' prezzijiet ta' *winch* simili minn fuq l-*internet*.

L-appellant isostni illi ma kien hemm xejn li kellu jqanqallu suspett. Din il-Qorti pero` tissenjala s-segwenti:

- L-Ispettur Raymond Cassar xehed illi meta kien qieghed ikellem lill-appellant, dan "ghall-ewwel ma ammettiex li dan kien misruq, biss meta ghidtlu xi kwalita` ta' nies kienu Cutajar u jekk ma kienx jafu sew, huwa bhal speci rrassenja ruhu ghal dak il-fatt li iva l-*winch* seta' kien misruq, biss innega li l-*winch* gie *exchanged* ghad-droga."
- Fl-istqarrija tieghu l-appellant jghid li huwa xtara l-*winch* minghand Charlot Cutajar (li mieghu kellu lil Horace Cassar) u li lil Cutajar ilu jafu minn mindu kienu zghar. Kien jaf li Cutajar kien il-habs, ghalkemm jghid li ma jafx fuqhiex ghax meta l-appellant kien il-habs kienu f'divizjonijiet differenti.
- Cutajar talbu Lm100 ghall-*winch* u l-appellant offrielu Lm70. L-appellant qal li jahseb li l-*winch* jiswa madwar Lm200.
- L-appellant jghid li kien ghaddej minn Triq il-Kbira, Hal-Qormi, kwazi fejn l-ghassa, meta waqqfu Cutajar li kien qieghed isuq karozza bajda u qallu li kellu *winch* ghall-bejgh. Kif l-appellant hallas, Cutajar hallielu l-*winch* fit-triq.
- Skond l-appellant, Cutajar ma qallux li kien misruq u hu ma saqsiehx. Fuq osservazzjoni li suppost jaf li Cutajar ma jkollux oggetti hekk, wiegeb: "Jiena ma nteressajtx ruhi biex nistaqsieh jekk ma kienx misruq jew le."

Fil-fehma tal-Qorti c-cirkostanzi ta' l-akkwist kienu tali li l-appellant messu ragonevolment kien jaf li l-oggett li ser jakkwista kien gej minn provenjenza kriminuza: il-prezz ridott; l-antecedenti ta' Cutajar; il-fatt li mill-mod spedit ta' kif jidher li sar l-akkordju u kif Cutajar telaqlu l-*winch* fit-triq kien jidher li ried jehles mill-*winch* malajr kemm jista' jkun; il-fatt li ma jirrizultax li Cutajar kien jinnegozja fl-ghodda; u l-fatt li ma nteressax ruhu jsaqsi dwar il-provenjenza tal-*winch* – indikazzjoni cara din li kellu almenu s-suspett ta' provenjenza kriminuza. Kif jghid Francesco Antolisei[2]: **"Occorre inoltre la consapevolezza della provenienza delittuosa del denaro o delle alter cose acquistate, ecc. Tale consapevolezza, secondo le regole generali, deve ritenersi sussistente anche se nella mente del reo si sia affacciato il dubbio della provenienza**

2 Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I, p. 310 (quinta edizione, 1966).

**delittuosa, ma, nonostante cio`, egli abbia agito, accettando il rischio di incorrere nelle sanzioni della legge (dolo eventuale).”** Dwar l-osservazzjoni ta’ l-appellant li ma setax kien jaf li qieghed jixtri oggett misruq jekk in-negozju sehh hdejn l-ghassa tal-Pulizija, din il-Qorti tirreferi ghax-xiehda ta’ l-Ispettur Raymond Cassar fis-sens li rrizultalu li l-inkontru sehh “triq boghod mill-ghassa” u ghall-fatt li fl-istqarrija tieghu l-appellant jghid li ltaqghu “kwazi fejn l-ghassa”. Mela l-inkontru zgur ma sehhx taht ghajnejn il-Pulizija.

Ghaldaqstant l-aggravju fil-mertu ma jimmeritax akkoljiment.

Tiddeciedi ghalhekk billi tichad l-appell ta’ l-imsemmi Godwin Spiteri kontra d-dikjarazzjoni ta’ htija tieghu u tikkonferma s-sentenza appellata tal-21 ta’ Lulju 2010 f’dan ir-rigward, izda tirrizerva li tipprovdi dwar il-piena wara li ssir it-trattazzjoni opportuna.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------